2025/2243

7.11.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2243

tas-6 ta' Novembru 2025

li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti funzjonali għall-pjattaformi tal-eFTI f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2020/1056 jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jaċċettaw informazzjoni regolatorja meta din issir disponibbli b'mod elettroniku mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak ir-Regolament u, b'mod aktar speċifiku, permezz ta' pjattaformi ta' informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (eFTI, Eectronic Freight Transport Information) li huma ċċertifikati li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(2) L-operaturi ekonomiċi kkonċernati, kif ukoll il-fornituri tas-soluzzjonijiet tal-ICT, jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw mill-ġdid, b'mod flessibbli, soluzzjonijiet tal-ICT li bħalissa jintużaw fis-settur tat-trasport u tal-loġistika, bħal, pereżempju, għall-ġestjoni tal-flussi interni tal-proċess kummerċjali u l-komunikazzjonijiet mas-sħab kummerċjali fil-katina tal-provvista, sabiex jiżviluppaw pjattaformi tal-eFTI. Il-possibbiltà li wieħed jibni fuq is-soluzzjonijiet eżistenti tippermetti l-iżvilupp aktar mgħaġġel u kosteffiċjenti tal-pjattaformi tal-eFTI u tiffaċilita l-adozzjoni aktar rapida u usa' tal-eFTI mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati mingħajr piż sinifikanti fuq l-investiment teknoloġiku jew il-proċess kummerċjali.

(3) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2020/1056, jenħtieġ li jiġi stabbilit proċess ta' ċertifikazzjoni tal-pjattaformi tal-eFTI, fejn għandha tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament. Ladarba tkun inħarġet iċ-ċertifikazzjoni minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditat f'wieħed mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), din tkun valida fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, jenħtieġ li l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi komuni dettaljati għall-funzjonament tal-pjattaformi tal-eFTI stabbiliti f'dan ir-Regolament jippermettu lill-Kummissjoni tiddefinixxi fi stadju aktar tard, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2020/1056, ir-regoli dettaljati neċessarji biex tiġi żgurata valutazzjoni uniformi tal-konformità tal-pjattaformi tal-eFTI fid-dawl taċ-ċertifikazzjoni tagħhom.

(4) Is-sensittività tad-data kummerċjali tibqa' fattur importanti li jinfluwenza r-rieda tal-operaturi ekonomiċi li jikkondividu d-data b'mod elettroniku. Sabiex tinbena l-fiduċja tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati, ir-rekwiżiti għall-pjattaformi tal-eFTI jenħtieġ li jiżguraw li d-data maħżuna mill-operaturi ekonomiċi fuq il-pjattaformi tal-eFTI tkun magħmula disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti abbażi biss ta' konnessjonijiet siguri u awtentikati mas-sistemi użati mill-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, id-data magħmula disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li tkun limitata għar-rekwiżiti għal informazzjoni speċifikati fit-talbiet għall-aċċess għad-data tal-eFTI, u biss meta dawn it-talbiet jiġu trażmessi mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1942 ([3]). Għall-istess raġuni, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jenħtieġ li jirċievu informazzjoni, inkluż permezz ta' notifiki f'ħin reali, dwar it-talbiet kollha għall-aċċess mill-awtoritajiet kompetenti għad-data li jkunu għamlu disponibbli fuq il-pjattaforma tal-eFTI, inkluż, meta jiġu ppreżentati, tal-komunikazzjonijiet ta' segwitu korrispondenti.

([1]) ĠU L 249, 31.7.2020, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/1056/oj.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/765/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1942 tal-5 ta' Lulju 2024 li jistabbilixxi proċeduri komuni u regoli dettaljati għall-aċċess u l-ipproċessar tal-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/1942, 20.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1942/oj).

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1942 jistabbilixxi proċeduri komuni u regoli dettaljati għall-aċċess u l-ipproċessar mill-awtoritajiet kompetenti tal-informazzjoni magħmula disponibbli mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati fuq il-pjattaformi tal-eFTI. Dan jinkludi rekwiżiti funzjonali u tekniċi speċifiċi għall-komunikazzjoni bejn is-sistemi tal-ICT użati mill-awtoritajiet kompetenti u l-pjattaformi tal-eFTI. Biex jiġu żgurati l-interoperabbiltà u l-komunikazzjoni bla xkiel bejn is-sistemi użati mill-awtoritajiet kompetenti u l-pjattaformi tal-eFTI, ir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi komuni għall-pjattaformi tal-eFTI jenħtieġ li jkunu kompatibbli ma' dawk stabbiliti għas-sistemi użati mill-awtoritajiet kompetenti.

(6) L-aċċess mill-operaturi ekonomiċi għall-pjattaformi tal-eFTI jenħtieġ li jiġi żgurat ukoll permezz ta' mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-aċċess siguri u trasparenti. L-utenti awtorizzati biss jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw u jipproċessaw id-data tal-eFTI f'isem l-operaturi ekonomiċi. Jenħtieġ li l-awtorizzazzjonijiet ikunu bbażati fuq drittijiet tal-ipproċessar li huma identifikati b'mod ċar u li jinħarġu taħt il-kontroll tal-operaturi ekonomiċi li għandhom drittijiet jew obbligi fir-rigward ta' dik id-data, skont id-dritt nazzjonali jew tal-UE applikabbli jew ftehimiet kummerċjali speċifiċi. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-awtorizzazzjonijiet jingħataw biss lill-utenti li jkunu ġew identifikati u awtentikati b'mod affidabbli bl-użu ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Tali mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-aċċess jenħtieġ li jibnu l-fiduċja fost l-operaturi ekonomiċi biex jikkondividu d-data tal-eFTI tagħhom fis-sors u għalhekk jeliminaw il-ħtieġa ta' diversi punti tal-ħżin tad-data u jnaqqsu, fost l-oħrajn, il-kostijiet u l-kumplessitajiet assoċjati fil-ġestjoni u fis-sinkronizzazzjoni tad-data.

(7) Id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2020/1056 jippermettu lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, jużaw mill-ġdid dokumenti minn negozju għal negozju biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa dwar it-trasport tal-merkanzija. L-ispeċifikazzjonijiet dettaljati stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jsegwu l-istess spirtu, billi jiffukaw fuq kif l-informazzjoni dwar it-trasport tal-merkanzija jenħtieġ li tiġi kondiviża b'mod elettroniku mal-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li ma jistabbilixxux rekwiżiti għall-format elettroniku u għall-użu ta' dokumenti kummerċjali, sabiex ma tiġix affettwata l-informazzjoni dwar it-trasport tal-merkanzija lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1056 jew il-flessibbiltà tal-operaturi ekonomiċi fit-tħejjija u fl-iskambju ta' informazzjoni f'kuntesti minn negozju għal negozju. Għalhekk huwa xieraq li dan ir-Regolament jistabbilixxi speċifikazzjonijiet għall-kompożizzjoni tas-sett tad-data tal-eFTI li jippermettu lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati jagħtu prova, billi jikkondividu l-istess data darba biss, tal-konformità mar-rekwiżiti għal informazzjoni regolatorja tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2020/1056. Is-sett tad-data tal-eFTI jenħtieġ li jkun magħmul f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet għas-sett tad-data komuni tal-eFTI u s-sottosettijiet tad-data tal-eFTI stabbiliti fl-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2024 ([5]). Meta jipprovdu l-informazzjoni għas-sett tad-data tal-eFTI, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jerġgħu jużaw, kemm jista' jkun, l-informazzjoni disponibbli fis-sistemi interni tagħhom ta' ġestjoni tad-data elettronika, bħall-ippjanar tar-riżorsi għall-intrapriżi jew is-sistemi ta' ġestjoni tat-trasport, li jużaw biex jimmaniġġjaw dokumenti tat-trasport kummerċjali bħal noti ta' kunsinna jew ordnijiet tat-trasport.

(8) Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2020/1056, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati ma humiex obbligati li jagħmlu d-data disponibbli b'mod elettroniku għall-awtoritajiet kompetenti, peress li jkomplu jżommu d-dritt li jippreżentaw l-informazzjoni regolatorja dwar it-trasport tal-merkanzija fil-forma ta' dokumenti stampati. Għalhekk, l-operaturi tal-pjattaforma tal-eFTI jenħtieġ li jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jiġu infurmati li, bl-ipproċessar tad-data fuq il-pjattaforma tal-eFTI, huma jaqblu li l-informazzjoni regolatorja dwar it-trasport tal-merkanzija rreġistrata u pproċessata mod ieħor bħala data tal-eFTI fuq pjattaforma tal-eFTI ssir disponibbli minn dik il-pjattaforma għall-awtoritajiet kompetenti, f'isem l-operatur rispettiv ikkonċernat, kull meta l-pjattaforma tirċievi talbiet għall-aċċess għad-data tal-eFTI mill-awtoritajiet kompetenti trażmessi f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1942. L-operaturi tal-pjattaforma tal-eFTI jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-operaturi jiġu infurmati li, bl-ipproċessar tad-data fuq il-pjattaforma tal-eFTI, huma jaqblu li l-pjattaforma tal-eFTI tagħmel ir-rekords tal-illoggjar korrispondenti tal-ipproċessar tad-data disponibbli għall-awditjar f'konformità mad-dritt nazzjonali jew tal-UE applikabbli.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2024 tas-26 ta' Lulju 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1056 billi jistabbilixxi s-sett tad-data komuni tal-eFTI u s-sottosettijiet tad-data tal-eFTI (ĠU L, 2024/2024, 20.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2024/oj).

(9) L-Artikolu 27(3) tar-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) jipprevedi l-interoperabbiltà mal-ambjent tal-iskambju tal-eFTI tas-sistema ċentrali għas-sottomissjoni u għall-iskambji elettroniċi ta' informazzjoni u dokumenti dwar il-vjeġġi ta' skart bejn l-operaturi ekonomiċi kkonċernati u l-awtoritajiet kompetenti, imsejħa wkoll is-sistema diġitali ta' vjeġġi tal-iskart (DIWASS, Digital Waste Shipment System), stabbilita f'konformità ma' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1290 ([7]) jispeċifika li l-utenti li jirrappreżentaw lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati li jaġixxu bħala trasportaturi għall-vjeġġ ta' skart jistgħu jaqbdu mad-DIWASS permezz ta' pjattaforma tal-eFTI interkonnessa ma' dik is-sistema permezz ta' interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. Sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-pjattaformi tal-eFTI u d-DIWASS, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iskart li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1056, kif imsemmi fl-Artikolu 2(1), il-punt (a)(iv) ta' dak ir-Regolament. Din l-interoperabbiltà se tagħmilha aktar faċli għat-trasportaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' vjeġġi tal-iskart biex jagħtu prova tal-konformità, b'mezzi elettroniċi, mar-rekwiżiti għad-disponibbiltà tal-informazzjoni regolatorja matul l-operazzjoni tat-trasport, kif previst fid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2020/1056, u bir-rekwiżiti dwar id-dispożizzjoni ta' informazzjoni dwar vjeġġi ta' skart stabbilita fir-Regolament (UE) 2024/1157.

(10) Id-data li l-operaturi ekonomiċi jirreġistraw fuq il-pjattaformi tal-eFTI se jkollha valur kummerċjali sostanzjali, kemm biex tippermetti lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati jagħtu prova tal-konformità mar-rekwiżiti amministrattivi kif ukoll bħala bażi għat-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-forniment ta' servizzi, u l-monitoraġġ u l-ippjanar kummerċjali. Għalhekk huwa essenzjali li, minbarra politiki rigoruż ta' ġestjoni tal-aċċess, l-operaturi tal-pjattaforma tal-eFTI jistabbilixxu miżuri li jiżguraw l-aċċessibbiltà, il-preżervazzjoni u s-sigurtà kontinwi ta' dik id-data, kemm jekk tinħażen fuq apparat fiżiku għall-ħżin taħt il-kontroll tal-operatur tal-pjattaforma tal-eFTI kif ukoll fil-clouds tad-data mixtrija bħala parti mis-servizzi tal-ħżin tad-data. Għal dak il-għan, u mingħajr ma jiġu affettwati r-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà nazzjonali u tal-UE applikabbli, l-operaturi tal-pjattaforma tal-eFTI jenħtieġ li jaderixxu mal-aħjar prattiki u mal-istandards internazzjonali l-aktar reċenti dwar il-privatezza tad-data u s-sigurtà tad-data, bħall-ISO 27001, ISO 27017 u ISO 27701. Meta d-data personali tiġi pproċessata fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' implimentazzjoni, japplika r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]).

(11) Sabiex l-operaturi tal-pjattaforma tal-eFTI jkunu jistgħu jqisu l-iżviluppi u l-istandards tekniċi li qegħdin jevolvu fuq bażi kontinwa, jenħtieġ li l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jmorrux lil hinn mir-rekwiżiti neċessarji biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà teknika funzjonali u minima ma' komponenti oħra fl-ambjent tal-iskambju tal-eFTI, kif previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1942. Fl-istess ħin, l-interoperabbiltà bla xkiel bejn dawn il-komponenti differenti tal-ICT ma tistax tinkiseb mingħajr sett ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni u dettaljati li jistgħu jiġu aġġornati u kondiviżi faċilment fost il-partijiet ikkonċernati kollha. Għalhekk jenħtieġ li jiġu żviluppati dokumenti ta' gwida teknika biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, bl-involviment ta' partijiet ikkonċernati kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat, u b'mod partikolari l-grupp ta' ħidma ta' esperti maħtura mill-Istati Membri biex jaġixxu bħala network ta' appoġġ operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1942, u gruppi ta' ħidma jew sottogruppi rilevanti tal-Grupp ta' Esperti tal-Forum dwar it-Trasport u l-Loġistika Diġitali ([9]).

(12) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) u ta opinjoni fit-8 ta' Lulju 2025.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2020/1056,

([6]) Ir-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament u l-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar vjeġġi ta' skart, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) 2020/1056 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L, 2024/1157, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1157/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1290 tat-2 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti neċessarji għall-interoperabbiltà bejn is-sistema ċentrali għas-sottomissjoni u l-iskambju elettroniċi ta' informazzjoni u dokumenti relatati ma' vjeġġi ta' skart u sistemi jew software oħra, kif ukoll rekwiżiti tekniċi u organizzattivi oħra neċessarji għall-implimentazzjoni prattika ta' tali sottomissjoni elettronika u skambju ta' informazzjoni u dokumenti, ĠU L, 2025/1290, 14.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1290/oj.

([8]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj.

([9]) https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?lang=mt&groupID=3280.

([10]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "sistema tal-ICT" tfisser ġabra organizzata ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT, Information and Communications Technologies) inklużi hardware, software u networks magħqudin u regolati minn interazzjoni jew interdipendenza biex jinkiseb sett ta' funzjonijiet speċifiċi;

(2) "sistema tal-ICT tributarja" tfisser sistema tal-ICT identifikabbli esterna għal pjattaforma tal-eFTI, inkluża pjattaforma oħra tal-eFTI, li permezz tagħha l-utenti kummerċjali jaqbdu ma' pjattaforma tal-eFTI biex jaċċessaw u jipproċessaw id-data tal-eFTI;

(3) "data tal-eFTI" tfisser data li tikkorrispondi għal informazzjoni regolatorja kif definita fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/1056;

(4) "operatur ta' pjattaforma tal-eFTI" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li titqies legalment responsabbli għall-funzjonament xieraq ta' pjattaforma tal-eFTI;

(5) "Gate tal-eFTI" tfisser komponent tal-ICT jew sett ta' komponenti tal-ICT li jwettqu l-funzjonalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1942;

(6) "utent kummerċjali" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tikkostitwixxi jew li hija awtorizzata li tirrappreżenta operatur ekonomiku kkonċernat f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/1056, jew operatur ekonomiku ieħor li jikkostitwixxi detentur tad-data f'konformità mal-paragrafu 23, u li jipproċessa d-data fuq pjattaforma tal-eFTI f'isem dak l-operatur ekonomiku kkonċernat jew detentur tad-data ieħor;

(7) "sessjoni ta' login" tfisser perjodu ta' żmien ristrett li matulu utent kummerċjali jingħata aċċess għal pjattaforma tal-eFTI;

(8) "moviment tal-kunsinna" tfisser it-trasport ta' ġabra ta' merkanzija b'mezz tat-trasport uniku mħaddem bil-magna tiegħu stess, b'tagħmir tat-trasport jew mingħajru bħal trejler, pallet jew kontejner, mill-istess post tat-tagħbija jew li jittieħed fl-istess post tal-ħatt jew tat-trasferiment, skont it-termini ta' kuntratt ta' trasport uniku;

(9) "sett tad-data dwar il-moviment tal-kunsinna tal-eFTI" jew "eFTI CMDS" tfisser sett tad-data tal-eFTI identifikat b'mod uniku kompost mid-data eFTI li, flimkien, jikkostitwixxu l-informazzjoni regolatorja dwar it-trasport tal-merkanzija relatata ma' moviment speċifiku tal-kunsinna;

(10) "rekwiżiti għal informazzjoni regolatorja applikabbli" tfisser ir-rekwiżiti għal informazzjoni regolatorja msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2020/1056 li japplikaw għal moviment speċifiku tal-kunsinna;

(11) "identifikaturi tas-subsettijiet tad-data tal-eFTI" tfisser l-identifikaturi fil-format "EUyy" jew "XXyy" tas-subsettijiet tad-data tal-eFTI stabbiliti fit-Taqsimiet 3 u 4 tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2024/2024;

(12) "UUID tal-eFTI CMDS" tfisser in-numru uniku, kif imsemmi fl-Artikolu 11(2), il-punt (c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1942, li jiġi allokat awtomatikament minn pjattaforma tal-eFTI għal sett ta' data tal-eFTI li jikkostitwixxi CMDS tal-eFTI;

(13) "numru uniku ta' identifikazzjoni tat-talba" tfisser in-numru uniku ta' talba għall-aċċess għad-data tal-eFTI ppreżentata minn uffiċjal tal-awtorità kompetenti, maħruġa u allokata għat-talba f'konformità mal-Artikolu 3(2), il-punt (c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1942;

(14) “komunikazzjoni ta’ segwitu” tfisser il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi ekonomiċi kkonċernati kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (6) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2024/1942;

(15) “interfaċċa tal-utent bniedem-magna” tfisser interfaċċa tal-utent grafika bbażata fuq l-Internet jew applikazzjoni li tippermetti lill-persuni fiżiċi jwettqu operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data fuq pjattaforma tal-eFTI;

(16) “mezz ta’ identifikazzjoni elettronika” tfisser unità materjali jew immaterjali li jkun fiha data tal-identifikazzjoni ta’ persuna, u li tintuża għall-finijiet tal-awtentikazzjoni biex jiġi aċċessat servizz online jew, meta xieraq, servizz offline;

(17) “skema ta’ identifikazzjoni elettronika” tfisser sistema għall-identifikazzjoni elettronika li permezz tagħha jinħarġu mezzi ta’ identifikazzjoni elettronika lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew lil persuni fiżiċi li jkunu qegħdin jirrappreżentaw persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi oħra;

(18) “awtentikazzjoni” tfisser proċess elettroniku li jippermetti l-konferma tal-identifikazzjoni elettronika ta’ persuna fiżika jew ġuridika, jew il-konferma tal-oriġini u l-integrità ta’ data f’forma elettronika;

(19) “firma elettronika avvanzata” tfisser firma elettronika li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;

(20) “siġill elettroniku avvanzat” tfisser siġill elettroniku li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;

(21) “utent onboarded” tfisser utent kummerċjali li għalih ikunu saru l-identifikazzjoni, l-awtentikazzjoni u l-awtorizzazzjoni f’konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a);

(22) “utent mhux onboarded” tfisser utent kummerċjali li jitħalla jaċċessa pjattaforma tal-eFTI abbażi biss tad-drittijiet temporanji ta’ aċċess u pproċessar, maħruġa f’konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1), il-punt (b);

(23) “detentur tad-data” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li għandha d-dritt jew l-obbligu, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni applikabbli, mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, jew ma’ ftehimiet kuntrattwali privati li tuża u tagħmel disponibbli data li tikkostitwixxi wkoll informazzjoni regolatorja f’konformità mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2020/1056;

(24) “awtorizzatur primarju” tfisser utent kummerċjali onboarded li jitħalla jimmodifika l-informazzjoni rreġistrata fi profil tal-utent onboarded, inkluż l-istabbiliment jew it-tħassir ta’ profil tal-utent;

(25) “awtorizzatur temporanju” tfisser utent kummerċjali onboarded li jitħalla joħroġ drittijiet tal-ipproċessar tad-data temporanju lil utenti mhux on-boarded;

(26) “awtentikazzjoni b’żewġ fatturi” tfisser metodu ta’ sigurtà tal-ġestjoni tal-identità u tal-aċċess li jirrikjedi żewġ forom ta’ identifikazzjoni biex tiġi aċċessata pjattaforma tal-eFTI;

(27) “marka ta’ ċertifikazzjoni” tfisser referenza kodifikata għall-pjattaforma tal-eFTI li tiċċertifika l-validità tal-istatus ta’ ċertifikazzjoni tagħha, li jenħtieġ li takkumpanja l-informazzjoni kollha magħmula disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz ta’ pjattaforma tal-eFTI ċertifikata, f’konformità mal-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) 2020/1056;

(28) “sistema diġitali tal-vjeġġi ta’ skart” (DIWASS) tfisser is-sistema ċentrali msemmija fl-Artikolu 27(3) tar-Regolament (UE) 2024/1157;

(29) “operatur ta’ vjeġġi tal-iskart” tfisser operatur kif definit fl-Artikolu 2(2), il-punt (13) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1290;

(30) “dokumenti ta’ vjeġġi ta’ skart” tfisser id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 9(2), fl-Artikolu 16(1) u fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2024/1157;

(31) "dettalji tat-trasport ikkombinat" tfisser l-informazzjoni regolatorja msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE ([11]);

(32) "timbru tal-ħin elettroniku kwalifikat" tfisser timbru tal-ħin elettroniku li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

Artikolu 2

Arkitettura tas-sistema tal-pjattaformi tal-eFTI

L-arkitettura tas-sistema tal-pjattaformi tal-eFTI għandha tikkonsisti fi kwalunkwe kombinazzjoni ta' komponenti jew sistemi tal-ICT li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

AĊĊESS GĦALL-PJATTAFORMI TAL-EFTI

Artikolu 3

Aċċess għall-pjattaformi tal-eFTI mill-awtoritajiet kompetenti

1. Il-pjattaformi tal-eFTI għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jaċċessaw id-data tal-eFTI biss permezz ta' komunikazzjoni bejn magna u oħra, permezz ta' konnessjoni sigura bejn il-pjattaforma tal-eFTI u Gate tal-eFTI. Pjattaforma tal-eFTI għandha tistabbilixxi tali konnessjoni ma' mill-inqas Gate waħda tal-eFTI.

2. Sabiex tkun tista' ssir il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, pjattaforma tal-eFTI għandha tipprovdi l-funzjonalitajiet li ġejjin:

(a) tivvalida t-talba għall-aċċess għad-data tal-eFTI jew il-komunikazzjoni ta' segwitu riċevuta mill-Gate tal-eFTI, billi tivverifika l-kjavi tas-sigurtà tal-Gate tal-eFTI;

(b) tipproċessa t-talba għall-aċċess għad-data tal-eFTI, billi tidentifika:

  (i) il-UUID tal-eFTI CMDS;

  (ii) ir-referenzi għad-drittijiet ta' aċċess tal-uffiċjal tal-awtorità kompetenti responsabbli għat-talba, espressi bħala l-lista ta' identifikaturi tas-settijiet tad-data tal-eFTI;

(c) iżżomm rekord tal-awditjar tat-talba għall-aċċess għad-data tal-eFTI, billi tirreġistra mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

  (i) in-numru uniku tal-identifikazzjoni tat-talba għall-aċċess għad-data tal-eFTI, kif jinsab fit-talba trażmessa mill-Gate tal-eFTI;

  (ii) il-UUID tas-CMDS tal-eFTI li għalih intalab aċċess;

  (iii) id-data u l-ħin tat-talba;

(d) tħejji u tittrażmetti lill-Gate tal-eFTI r-risposta għat-talba għall-aċċess għad-data tal-eFTI, kif xieraq:

  (i) id-data tal-eFTI mitluba, bħala sottosett tal-eFTI CMDS, li tikkonsisti mill-elementi kollha tad-data li jikkorrispondu għar-rekwiżiti għal informazzjoni regolatorja applikabbli u li huma identifikati mill-pjattaforma tal-eFTI abbażi tar-referenzi għad-drittijiet ta' aċċess tal-uffiċjal tal-awtorità kompetenti inklużi fit-talba;

  (ii) messaġġ ta' errur, li jkun fih speċifikazzjoni testwali kodifikata jew qasira tat-tip ta' errur meta l-pjattaforma ma tkunx tista' tipprovdi d-data tal-eFTI mitluba minħabba raġunijiet ta' proċess tekniku jew kummerċjali;

([11]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-oġġetti bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/106/oj).

(e) iżżomm rekord tal-awditjar tar-risposta, li jippermetti li tinkiseb mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(i) in-numru uniku tal-identifikazzjoni tar-risposta, u n-numru uniku tal-identifikazzjoni tat-talba li għaliha ngħatat risposta;

(ii) it-tip ta' risposta pprovduta, kemm jekk eFTI CMDS kif ukoll jekk messaġġ ta' errur;

(iii) id-data u l-ħin tar-risposta;

(iv) meta r-r-risposta jkun fiha l-eFTI CMDS, l-elementi tad-data u l-valuri rispettivi tagħhom kif inklużi fir-risposta;

(f) tipproċessa l-komunikazzjoni ta' segwitu, billi:

(i) il-kisba tal-UUID tas-CMDS tal-eFTI u n-numru tal-identifikazzjoni uniku tat-talba tal-aċċess għal data tal-eFTI li għaliha ġiet ippreżentata l-komunikazzjoni ta' segwitu;

(ii) ir-reġistrazzjoni tal-informazzjoni li tinsab fil-komunikazzjoni ta' segwitu, kif trażmessa mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(5), il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1942;

(iii) in-notifika lill-utenti kummerċjali kkonċernati, meta l-awtorizzazzjoni tagħhom tinkludi drittijiet korrispondenti xierqa tal-ipproċessar, u t-trażmissjoni lill-Gate tal-eFTI ta' messaġġ ta' konferma tal-wasla tal-komunikazzjoni ta' segwitu;

(g) iżżomm rekord tal-awditjar tal-komunikazzjoni ta' segwitu, li jippermetti li tinkiseb mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(i) in-numru uniku tal-identifikazzjoni tat-talba tal-aċċess għad-data tal-eFTI li għalih tkun ġiet ippreżentata l-komunikazzjoni ta' segwitu;

(ii) id-data u l-ħin tal-wasla tal-komunikazzjoni ta' segwitu.

Artikolu 4

Aċċess għall-pjattaformi tal-eFTI mill-utenti kummerċjali

1. Il-pjattaformi tal-eFTI għandhom jippermettu lill-utenti kummerċjali jaċċessaw u jipproċessaw id-data tal-eFTI permezz ta' waħda mill-modalitajiet jew iż-żewġ modalitajiet li ġejjin:

(a) interfaċċi tal-utent bniedem-magna;

(b) komunikazzjoni bejn magna u oħra permezz ta' konnessjonijiet siguri ma' sistemi oħra tal-ICT li jaġixxu bħala sistemi tal-ICT tributarji.

2. Għall-aċċess u għall-ipproċessar tad-data tal-eFTI permezz ta' interfaċċi bniedem-magna, il-pjattaformi tal-eFTI għandhom jipprovdu funzjonalitajiet li jiżguraw:

(a) għal kull utent onboarded:

(i) l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni tal-utent b'mezzi ta' identifikazzjoni elettronika maħruġa skont skema ta' identifikazzjoni elettronika li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3;

(ii) l-awtorizzazzjoni tal-utent, permezz ta' reġistru ta' awtorizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (a);

(b) għall-utenti mhux onboarded, l-identifikazzjoni, l-awtentikazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-utent permezz tal-mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (b).

3. L-iskema ta' identifikazzjoni elettronika msemmija fil-punt (a)(i), it-tieni paragrafu, għandha tikkonforma, bħala minimu, mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

Għall-utenti li jaċċessaw u jipproċessaw id-data tal-eFTI li tikkorrispondi għar-rekwiżiti għal informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (a)(iv) tar-Regolament (UE) 2020/1056, il-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a)(i), ta' dan l-Artikolu għandhom jinkludu referenza għan-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur ta' vjeġġi tal-iskart imsemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1290.

4. Għall-aċċess u għall-ipproċessar tad-data tal-eFTI permezz ta' komunikazzjoni bejn magna u oħra, il-pjattaformi tal-eFTI għandhom jipprovdu funzjonalitajiet li jiżguraw għal kull sistema tal-ICT tributarja:

(a) l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni tal-utent kummerċjali li taħt ir-responsabbiltà legali tiegħu topera s-sistema tal-ICT tributarja, permezz ta' reġistru fejn mill-inqas l-informazzjoni li ġejja tiġi rreġistrata u tinżamm aġġornata:

(i) referenza tal-identifikazzjoni tal-utent kummerċjali;

(ii) dettalji tal-kjavi tas-sigurtà tas-sistema tal-ICT tributarja;

(b) l-awtorizzazzjoni tal-utent kummerċjali li taħt ir-responsabbiltà legali tiegħu topera s-sistema tal-ICT tributarja, permezz tar-reġistru tal-awtorizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (a).

5. L-operaturi tal-pjattaforma tal-eFTI għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw miżuri għall-onboarding xieraq tas-sistemi tal-ICT tributarji li jinkludu, bħala minimu:

(a) il-verifika li s-sistema tal-ICT tributarja tidentifika u tawtentika l-utenti li jitħallew jaġixxu bħala utenti kummerċjali tal-pjattaforma tal-eFTI, b'mezzi ta' identifikazzjoni elettronika maħruġa skont skema ta' identifikazzjoni elettronika li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3;

(b) il-verifika li s-sistema tal-ICT tributarja tikkontrolla l-aċċess tal-utenti li jitħallew jaġixxu bħala utenti kummerċjali tal-pjattaforma tal-eFTI, permezz ta' reġistru ta' awtorizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (a).

6. Għal kull sessjoni ta' login, il-pjattaforma tal-eFTI għandha tiżgura l-identifikazzjoni, l-awtentikazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-utent kummerċjali, qabel ma tħalli lill-utent kummerċjali jipproċessa d-data tal-eFTI.

Artikolu 5

Mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni

1. Il-pjattaformi tal-eFTI għandhom jużaw tip wieħed jew iż-żewġ tipi ta' mekkaniżmi ta' awtorizzazzjoni li ġejjin:

(a) il-verifika tad-drittijiet tal-ipproċessar tal-utent, permezz ta' reġistri tal-awtorizzazzjoni fejn id-drittijiet tal-ipproċessar tal-utenti onboarded jiġu rreġistrati, jinżammu aġġornati u jibqgħu disponibbli għall-finijiet tal-awditjar, u li għandhom jikkostitwixxu l-mekkaniżmu prinċipali għall-awtorizzazzjoni;

(b) il-ħruġ u l-verifika ta' drittijiet tal-ipproċessar temporanji, permezz ta' reġistri tal-awtorizzazzjoni fejn jiġu rreġistrati kredenzjali ta' aċċess temporanju ta' utenti okkażjonali u mhux onboarded.

2. Ir-reġistri tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti u miżmuma bħala komponent separat tal-ICT. Dan il-komponent separat tal-ICT għandu jkun jew intern għall-pjattaforma tal-eFTI jew parti minn sistema tal-ICT li tkun esterna għall-pjattaforma tal-eFTI li magħha l-pjattaforma tal-eFTI tistabbilixxi komunikazzjonijiet siguri, f'konformità mal-Artikolu 12(4).

3. Ir-reġistri tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandhom iżommu "profil tal-utent" identifikat b'mod uniku għal kull utent kummerċjali onboarded, billi jirreġistraw mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni unika tal-utent kummerċjali, espressa bħala referenza kodifikata;

(b) id-drittijiet tal-ipproċessar, espressi bħala referenzi, fejn dawk ir-referenzi jinkludu:

(i) referenzi għall-operazzjonijiet tal-ipproċessar imsemmija fl-Artikolu 8;

(ii) il-perjodu ta' żmien li għalih jingħata kull wieħed mid-drittijiet tal-ipproċessar imsemmija fil-punt (b);

(iii) ir-referenzi kodifikati tal-elementi tad-data tal-eFTI jew tal-gruppi ta' elementi tad-data tal-eFTI, kif speċifikat fit-Taqsima 2 tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2024/2024, li fuqhom tista' titwettaq kull waħda mill-operazzjonijiet tal-ipproċessar imsemmija fl-Artikolu 8;

(c) indikazzjoni ta' jekk l-utent kummerċjali jistax jaġixxi bħala awtorizzatur primarju jew temporanju;

(d) għall-utenti kummerċjali ddeżinjati bħala awtorizzatur primarju, in-numri uniċi tal-identifikazzjoni tal-profili tal-utenti onboarded eżistenti li għandhom il-permess li jimmodifikaw;

(e) għall-utenti kummerċjali ddeżinjati bħala awtorizzaturi temporanji, id-drittijiet temporanji tal-ipproċessar li huma intitolati li joħorġu lill-utenti mhux onboarded, espressi bħala referenzi għall-operazzjonijiet tal-ipproċessar imsemmija fl-Artikolu 8;

(f) indikazzjoni ta' jekk l-utent kummerċjali jistax jitlob notifiki relatati ma' talbiet għall-aċċess għad-data tal-eFTI mill-awtoritajiet kompetenti u komunikazzjonijiet ta' segwitu relatati, meta jkunu relatati mal-eFTI CMDS li għalihom l-utent kummerċjali għandu drittijiet tal-ipproċessar.

4. L-operatur tal-pjattaforma tal-eFTI jew, meta r-reġistru tal-awtorizzazzjoni jkun stabbilit bħala komponent ta' sistema tal-ICT esterna għall-pjattaforma tal-eFTI, l-operatur tas-sistema esterna tal-ICT, għandu jieħu miżuri biex jiżgura l-onboarding xieraq tal-utenti kummerċjali li jistgħu jaġixxu bħala "awtorizzatur primarju". Dawk il-miżuri għandhom, bħala minimu, jikkonsistu minn:

(a) l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a);

(b) il-verifika tal-kredenzjali li tiddikjara li l-utent kummerċjali huwa detentur tad-data jew jikkostitwixxi r-rappreżentant legali ta' detentur tad-data, jew li l-utent kummerċjali għandu s-setgħa li jawtorizza, f'isem detentur tad-data, l-ipproċessar tad-data li fir-rigward tagħha dak id-detentur tad-data għandu drittijiet u obbligi kif imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (23);

(c) iż-żamma ta' rekord ta' dawk il-kredenzjali għall-finijiet tal-awditjar.

5. Il-mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b) għandu jinkludi funzjonalitajiet li jikkonformaw, bħala minimu, mal-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) jippermetti lill-utenti onboarded b'dežinjazzjoni temporanja ta' awtorizzatur joħorġu drittijiet tal-ipproċessar temporanji lill-utenti mhux onboarded, billi jirreġistraw, f'reġistru ddedikat, il-kredenzjali temporanji ta' aċċess ta' utenti mhux onboarded, li bħala minimu jkun fihom:

(i) dettalji ta' kuntatt li jidentifikaw l-utent mhux onboarded u fejn jistgħu jintbagħtu messaġġi elettroniċi;

(ii) il-UUID tal-eFTI CMDS li għalih l-utent mhux onboarded jingħata drittijiet tal-ipproċessar temporanji;

(iii) id-drittijiet tal-ipproċessar mogħtija lill-utent mhux onboarded, espressi bħala referenzi għall-operazzjonijiet tal-ipproċessar imsemmija fl-Artikolu 8;

(iv) il-perjodu ta' żmien preċiż li fih dawk id-drittijiet tal-ipproċessar ikunu validi;

(b) jippermetti lill-utenti onboarded b'dežinjazzjoni ta' awtorizzatur temporanju jagħtu aċċess temporanju għad-data tal-eFTI lill-utenti mhux onboarded li għalihom ikunu rreġistraw kredenzjali temporanji ta' aċċess, billi jibagħtu, bl-użu ta' dettalji ta' kuntatt irreġistrati tal-utent onboarded messaġġ li jkun fih:

(i) link ta' aċċess għall-pjattaforma tal-eFTI;

(ii) il-UUID ta' kull eFTI CMDS li għalih l-utent mhux onboarded jingħata drittijiet tal-ipproċessar temporanji;

(c) meta l-aċċess għall-pjattaforma tal-eFTI jintalab minn utent mhux onboarded, jagħti lill-utent mhux onboarded l-aċċess għall-pjattaforma tal-eFTI abbażi ta' awtentikazzjoni b'żewġ fatturi, u jippermettilhom iwettqu operazzjonijiet tal-ipproċessar abbażi tad-drittijiet tal-ipproċessar tagħhom irreġistrati f'konformità mal-punt (a);

(d) iwaqqaf is-sessjoni tal-login ta' utent mhux onboarded malli jseħħ wieħed mill-avvenimenti li ġejjin:

(i) l-utent jirrikonoxxi t-tlestija tas-sessjoni tal-ipproċessar tad-data;

(ii) jiskadi l-perjodu ta' żmien imsemmi fil-punt (a)(iv).

6. L-informazzjoni rreġistrata fir-reġistri tal-awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafi 1 sa 5 għandha tinżamm għall-finijiet tal-awditjar, bħala minimu, għall-istess perjodu ta' żmien li għalih l-eFTI CMDS, li fih l-utenti rispettivi wettqu operazzjonijiet tal-ipproċessar, huwa meħtieġ li jinżamm disponibbli, f'konformità mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, skont l-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2020/1056.

7. Il-pjattaformi tal-eFTI għandhom iħassru l-informazzjoni kollha li tikkostitwixxi data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 fi żmien raġonevoli wara l-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 6.

Artikolu 6

Komunikazzjoni mad-DIWASS

1. Sabiex l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jkunu jistgħu jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni regolatorja msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (a)(iv) tar-Regolament (UE) 2020/1056, il-pjattaformi tal-eFTI għandhom jistabbilixxu konnessjonijiet siguri mas-sistema ċentrali msemmija fl-Artikolu 27(3) tar-Regolament (UE) 2024/1157, permezz tal-interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1290, jew fejn magħmula disponibbli minn Stat Membru, permezz ta' konnessjoni mas-sistema lokali operata minn awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 27(4) tar-Regolament (UE) 2024/1157 u li taqbad ma' dik is-sistema ċentrali f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1290.

2. Meta l-pjattaformi tal-eFTI jistabbilixxu xi waħda mill-konnessjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, huma għandhom jipprovdu wkoll funzjonalitajiet addizzjonali korrispondenti f'konformità mal-Artikolu 9(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Trasparenza

1. Il-pjattaformi tal-eFTI għandhom jipprovdu funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti kummerċjali jitolbu u jirċievu notifiki, inkluż fil-forma ta' rapporti perjodiċi, abbażi ta' awtorizzazzjonijiet xierqa. Dawk in-notifiki u r-rapporti għandhom ikopru t-talbiet għall-aċċess għad-data tal-eFTI mill-awtoritajiet kompetenti u l-komunikazzjonijiet ta' segwitu relatati. Huma għandhom ikopru wkoll l-operazzjonijiet tal-ipproċessar mill-utenti kummerċjali, meta l-utent kummerċjali li jitlob dawk in-notifiki jew ir-rapporti jikkostitwixxi detentur tad-data jew ikollu drittijiet tal-ipproċessar għal dik id-data assenjati fir-reġistru tal-awtorizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (a) fir-rigward ta' dik id-data.

2. Meta n-notifiki jew ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 jikkonċernaw talbiet għall-aċċess għad-data tal-eFTI mill-awtoritajiet kompetenti u komunikazzjonijiet ta' segwitu relatati, dawk in-notifiki għandu jkun fihom mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-data u l-ħin tal-wasla tat-talba għall-aċċess għad-data tal-eFTI u, meta ppreżentata, tal-komunikazzjoni ta' segwitu;

(b) l-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li ppreżentat it-talba għall-aċċess għad-data tal-eFTI;

(c) il-UUID tal-eFTI CMDS li għalih saret it-talba għall-aċċess għad-data tal-eFTI;

(d) meta ppreżentata, l-informazzjoni fil-komunikazzjoni ta' segwitu.

KAPITOLU III

PROĊESSAR TAD-DATA FUQ PJATTAFORMI TAL-eFTI

Artikolu 8

L-eFTI CMDS

1. Il-pjattaformi tal-eFTI għandhom jimmaniġġjaw l-ipproċessar tad-data tal-eFTI abbażi ta' settijiet tad-data identifikati b'mod uniku, b'kull wieħed minnhom jikkostitwixxi eFTI CMDS.

2. L-eFTI CMDS għandu jiġi ġġenerat billi jintgħażlu l-elementi kollha tad-data li jikkostitwixxu s-sottosettijiet tad-data tal-eFTI li jikkorrispondu għar-rekwiżiti għal informazzjoni regolatorja applikabbli għal moviment speċifiku tal-kunsinna, fejn l-elementi tad-data kollha komuni għal żewġ sottosettijiet tad-data tal-eFTI jew aktar għandhom jiġu inklużi darba biss.

3. Id-data kollha tal-eFTI pproċessata fuq pjattaforma tal-eFTI għandha tikkonforma mad-definizzjonijiet u mal-karatteristiċi tekniċi, inklużi l-istruttura, il-listi tal-kodiċijiet u r-regoli kummerċjali, stabbiliti bir-Regolament Delegat (UE) 2024/2024.

Artikolu 9

Operazzjonijiet tal-ipproċessar

1. Il-pjattaformi tal-eFTI għandhom jipprovdu funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti kummerċjali, wara l-validazzjoni tad-drittijiet tal-ipproċessar tagħhom permezz ta' mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 5, iwettqu l-operazzjonijiet tal-ipproċessar li ġejjin fuq data tal-eFTI:

(a) joħolqu eFTI CMDS;

(b) jeditjaw eFTI CMDS;

(c) jaqraw data eFTI CMDS;

(d) jiddownlodjaw u jikkupjaw data eFTI CMDS;

(e) il-firma tal-konsenjatur;

(f) il-firma tat-trasportatur;

(g) il-firma tad-destinatarju;

(h) "timbru" tat-trasport ikkombinat mill-awtorità kompetenti fil-port tal-baħar, fil-port tal-passaġġi fuq l-ilma interni jew fl-istazzjon tal-ferrovija;

(i) jarkivjaw eFTI CMDS.

2. Il-funzjonalitajiet tal-pjattaforma tal-eFTI msemmija fl-Artikolu 6 għandhom jippermettu lill-utenti kummerċjali, wara l-validazzjoni tad-drittijiet tal-ipproċessar tagħhom permezz ta' mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 5, iwettqu l-operazzjonijiet tal-ipproċessar li ġejjin fuq data tal-eFTI:

(a) tiddawnlowdja kopja tad-dokumenti ta' vjeġġi tal-iskart;

(b) jissottomettu l-konfermi tat-trasferiment tal-vjeġġi tal-iskart, f'konformità mal-Anness II, il-Parti B, il-punt 3 u l-Parti C, il-punt 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1290;

(c) teditja l-konfermi tat-trasferiment tat-trasportaturi tal-iskart sottomessi, f'konformità mal-Anness II, il-Parti B, il-punt 4 u l-Parti C, il-punt 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1290.

3. L-operazzjonijiet tal-ipproċessar imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu kif speċifikat fl-Anness, flimkien mal-azzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-pjattaformi tal-eFTI biex l-utenti kummerċjali jkunu jistgħu jwettqu dawk l-operazzjonijiet.

4. Qabel ma tippermetti lil utent kummerċjali jwettaq operazzjonijiet tal-ipproċessar fuq id-data tal-eFTI, il-pjattaforma għandha tinforma lill-utent permezz ta' messaġġi fformulati b'mod ċar li, bl-ipproċessar tad-data fuq il-pjattaforma tal-eFTI, l-utent qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu li:

(a) id-data pproċessata mill-utent kummerċjali tista' ssir disponibbli awtomatikament għall-awtoritajiet kompetenti, speċifikament kull meta l-pjattaforma tal-eFTI tirċievi talba għall-aċċess għad-data tal-eFTI, minn awtorità kompetenti, għall-eFTI CMDS speċifika li dik id-data tkun parti minnha;

(b) rekord tal-awditjar tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data magħmula mill-utent kummerċjali jiġi rreġistrat, f'konformità mad-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 6, u jista' jsir disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti għall-konsultazzjoni f'konformità mad-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni applikabbli.

5. Il-pjattaformi tal-eFTI għandhom jirreġistraw kull operazzjoni tal-ipproċessar imwettqa minn utent kummerċjali fuq eFTI CMDS, billi jirreġistraw fir-rigward ta' kull element tad-data pproċessat, l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-UUID tal-eFTI CMDS;

(b) għall-utenti onboarded, identifikazzjoni kodifikata marbuta mal-kont tal-utent tagħhom;

(c) għall-utenti mhux onboarded, l-informazzjoni ta' identifikazzjoni pprovduta mill-utent fil-kuntest tal-awtentikazzjoni b'żewġ fatturi msemmija fl-Artikolu 5(5), il-punt (c);

(d) id-data u l-ħin;

(e) it-tip ta' operazzjoni mwettqa, identifikata f'konformità mal-paragrafi 1 u 2; meta l-operazzjoni tal-ipproċessar tinvolvi l-modifika jew it-tħassir tal-valur ta' element tad-data, għandu jinżamm ukoll il-valur oriġinali tal-element tad-data.

6. Il-pjattaformi tal-eFTI għandhom jirreġistraw u jżommu d-data tal-eFTI CMDS disponibbli faċilment għall-aċċess kemm mill-utenti kummerċjali kif ukoll mill-awtoritajiet kompetenti fuq sistema tal-ħżin tad-data online, għal mill-inqas il-perjodu li fih l-eFTI CMDS ikollu l-istatus "attiv" u, meta applikabbli, "inattiv", kif assenjat mill-pjattaforma tal-eFTI f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

7. Il-pjattaformi tal-eFTI għandhom iżommu l-eFTI CMDS li għandhom l-istatus "lesti għall-arkivjar" jew "arkivjati" u r-reġistri tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar korrispondenti aċċessibbli biex jiġu aċċessati mill-awtoritajiet kompetenti għall-perjodi ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 9(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2020/1056.

8. Il-pjattaformi tal-eFTI għandhom iħassru l-informazzjoni kollha li tikkostitwixxi data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 fi żmien raġonevoli wara l-iskadenza tal-perjodi msemmija fil-paragrafu 8.

Artikolu 10

Interfaċċi tal-utent bniedem-magna

1. L-interfaċċi bniedem-magna msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a) għandhom jipprovdu l-funzjonalitajiet ibbażati fuq l-Internet jew fuq l-applikazzjonijiet li ġejjin:

(a) jippermettu lill-utenti kummerċjali jinteraġixxu mal-pjattaforma tal-eFTI għall-finijiet tal-identifikazzjoni, l-awtentikazzjoni u l-awtorizzazzjoni mill-pjattaforma tal-eFTI f'konformità mal-Artikoli 4 u 5 u, rispettivament, għall-ipproċessar tad-data tal-eFTI fuq il-pjattaforma tal-eFTI f'konformità mal-Artikoli 5 u 9;

(b) jippermettu lill-utenti awtorizzati jniżżlu l-link ta' identifikazzjoni unika (UIL, Unique Identifying Link) b'mod elettroniku tal-eFTI CMDS, u jippermettulhom jikkomunikawha f'format li jinqara mill-magni lill-awtoritajiet kompetenti;

(c) jippermettu lill-utenti awtorizzati jniżżlu kopja li tinqara mill-bniedem tal-eFTI CMDS u, meta applikabbli, tad-dokumenti ta' vjeġġi ta' skart, u juru dawn il-kopji biex jiġu spezzjonati mill-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti, meta dawn ikunu meħtieġa minn dawk l-uffiċjali f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2020/1056;

2. Il-kopji li jinqraw mill-bniedem imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (d), għandhom jinkludu referenza kodifikata li tinqara mill-magni tal-marka ta' ċertifikazzjoni tal-pjattaforma tal-eFTI u indikazzjoni tad-data u l-ħin tat-tniżżil fil-forma ta' timbru tal-ħin.

3. L-interfaċċi bniedem-magna tal-pjattaformi tal-eFTI għandhom jinkludu karatteristiċi ta' protezzjoni tal-aċċess biex jiġi pprevenut l-aċċess mhux awtorizzat għad-data tal-eFTI u għall-funzjonalitajiet tal-pjattaforma tal-eFTI meta l-apparat li permezz tiegħu l-utent kummerċjali jaċċessa l-pjattaforma tal-eFTI ma jkunx taħt il-kontroll tal-utent.

KAPITOLU IV

MIŻURI TA' DISPONIBBILTÀ, SIGURTÀ U REŻILJENZA

Artikolu 11

Disponibbiltà

Pjattaforma tal-eFTI għandha tibqa' disponibbli biex tiġi aċċessata mill-awtoritajiet kompetenti, kif speċifikat fl-Artikolu 3, għal mill-inqas il-perjodu ta' żmien li għalih l-eFTI CMDSs irreġistrati fuq dik il-pjattaforma jkollhom l-istatus "attiv" u, meta applikabbli, "inattiv", kif assenjat mill-pjattaforma tal-eFTI f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Sigurtà tal-iskambji tad-data

1. Għall-komunikazzjoni ma' Gate tal-eFTI, il-pjattaformi tal-eFTI għandhom:

(a) iżommu Punt tal-Aċċess għall-eDelivery, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-iskambju ta' messaġġi tal-eDelivery, jew punt ta' aċċess konformi mal-ispeċifikazzjonijiet ekwivalenti tal-iskambju ta' messaġġi appoġġati mill-Gate tal-eFTI, fejn tali speċifikazzjonijiet tal-iskambju ta' messaġġi huma stabbiliti minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1942;

(b) jużaw proċeduri u protokolli siguri għar-riċeviment, għar-reġistrazzjoni, għall-ksib u għall-validazzjoni tal-kjavi tas-sigurtà jew taċ-ċertifikati ta' sigurtà tal-Gate tal-eFTI.

2. Il-punti ta' aċċess imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a) għandhom jużaw ċertifikati ta' sigurtà maħruġa, permezz ta' awtorità taċ-ċertifikati, mill-Istat Membru fejn il-pjattaforma tal-eFTI tkun irċeviet iċ-ċertifikat ta' konformità msemmi fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2020/1056.

3. Il-komunikazzjoni kollha bejn il-pjattaforma tal-eFTI u l-Gate tal-eFTI għandha ssir permezz ta' skambji ta' messaġġi li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(3) u (4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1942.

4. Għall-komunikazzjoni ma' sistemi tal-ICT tributarji jew ma' sistemi tal-ICT esterni oħra li jospitaw komponenti li jwettqu ċerti funzjonalitajiet tal-pjattaforma tal-eFTI, il-pjattaformi tal-eFTI għandhom, bħala minimu:

(a) iżomm punti ta' aċċess bi kjavi tas-sigurtà jew ċertifikati tas-sigurtà validi;

(b) jużaw proċeduri u protokolli siguri għar-riċeviment, għar-reġistrazzjoni, għall-ksib u għall-validazzjoni tal-kjavi tas-sigurtà jew taċ-ċertifikati ta' dawk is-sistemi l-oħra tal-ICT.

5. Għall-komunikazzjoni ma' DIWASS, il-pjattaformi tal-eFTI għandhom:

(a) iżomm punti ta' aċċess li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1290;

(b) jużaw proċeduri u protokolli siguri għar-riċeviment, għar-reġistrazzjoni, għall-ksib u għall-validazzjoni tal-kjavi tas-sigurtà tad-DIWASS;

(c) iżommu interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet li tippermettilhom jirċievu mid-DIWASS data relatata mal-firma tal-konsenjatarju, meta l-konsenjatarju jkun faċilità għat-trattament tal-iskart kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2024/1157.

Artikolu 13

Sigurtà tad-data maħżuna

L-operaturi tal-pjattaforma tal-eFTI għandhom jiddefinixxu u jimplimentaw miżuri li jiżguraw is-sigurtà u l-preżervazzjoni tad-data maħżuna fuq il-pjattaformi tal-eFTI, u b'mod partikolari:

(a) meta d-data tal-eFTI tinħażen fuq apparat fiżiku għall-ħżin ġestit mill-operatur tal-pjattaforma:

(i) miżuri biex jiġi żgurat il-ħżin suffiċjenti tad-data, inkluż għall-back-up;

(ii) miżuri biex tiġi żgurata l-protezzjoni kontra ħsara fiżika lill-unitajiet fiżiċi tal-ħżin, kemm intenzjonali kif ukoll aċċidentali, ikkawżata mill-bniedem jew bħala riżultat ta' diżastri naturali;

(iii) miżuri biex jiġi żgurat l-irkupru tad-data f'każ ta' ħsara;

(iv) miżuri li jimplimentaw politiki xierqa ta' ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà tal-informazzjoni, inklużi valutazzjonijiet regolari tal-vulnerabbiltà tas-sigurtà u s-segwitu tagħhom;

(b) meta d-data tal-eFTI tinħażen permezz ta' ħżin fil-cloud, miżuri li jiżguraw li l-ispazju għall-ħżin fil-cloud jinxtara minn fornituri tas-servizzi li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali ewlenin u mal-aħjar prattiki għas-sigurtà tal-cloud u l-protezzjoni tad-data personali;

(c) miżuri biex jiġi żgurat li d-data tal-eFTI tinħażen fl-Unjoni jew taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

OPERAZZJONIJIET TAL-IPPROĊESSAR LI GĦANDHOM JITWETTQU MILL-UTENTI KUMMERĊJALI FUQ IL-PJATTAFORMI TAL-eFTI

(imsemmija fl-Artikolu 9)

It-tabella li ġejja tiddeskrivi l-operazzjonijiet tal-ipproċessar fuq id-data tal-eFTI li l-pjattaformi tal-eFTI jippermettu lill-utenti kummerċjali jwettqu, skont l-Artikolu 9(1) u (2), u l-azzjonijiet awtomatiċi li l-pjattaformi tal-eFTI jridu jwettqu sabiex jiżguraw it-twettiq ta' dawk l-operazzjonijiet tal-ipproċessar, fejn:

(a) il-kolonna bit-titlu "Operazzjoni" tagħti l-isem qasir li bih l-operazzjoni tal-ipproċessar hija identifikata fl-Artikolu 9(1) jew (2);

(b) il-kolonna bit-titlu "Azzjoni tal-utent kummerċjali" tiddeskrivi l-azzjonijiet li pjattaformi tal-eFTI għandhom jippermettu lill-utenti kummerċjali jwettqu sabiex jeżegwixxu l-operazzjoni tal-ipproċessar korrispondenti;

(c) il-kolonna bit-titlu "Azzjoni tal-pjattaforma tal-eFTI" tiddeskrivi l-azzjonijiet li l-pjattaformi tal-eFTI għandhom jeżegwixxu, bħala minimu, flimkien mal-azzjonijiet korrispondenti tal-utenti kummerċjali, biex tiġi żgurata t-tlestija ta' dik l-operazzjoni.

Tabella

	Operazzjoni	Azzjoni tal-utent kummerċjali	Azzjoni tal-pjattaforma tal-eFTI
(a)	**Oħloq l-eFTI CMDS**	Itlob lill-pjattaforma tal-eFTI toħloq eFTI CMDS ġdid.	1. Wara t-talba tal-utent kummerċjali, il-pjattaforma tal-eFTI għandha tiġġenera mudell eFTI CMDS, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-utent kummerċjali. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha titlob lill-utent kummerċjali jipprovdi l-informazzjoni neċessarja biex tkun tista' tiddetermina s-settijiet tad-data xierqa tal-eFTI li jkun fihom ir-rekwiżiti għall-informazzjoni regolatorja applikabbli. 2. Ladarba tkun iġġenerat il-mudell tal-eFTI CMDS, il-pjattaforma għandha talloka UUID lill-eFTI CMDS, kif previst fl-Artikolu 11(2), il-punt (c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1942, tassenja lis-CMDS l-istatus "abbozz" u tagħmlu disponibbli għall-ipproċessar mill-utenti kummerċjali.
(b)	**Editja l-eFTI CMDS**	Daħħal informazzjoni dwar il-moviment tal-kunsinna fil-kampijiet tad-data tal-eFTI CDS.	1. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tippermetti lill-utent kummerċjali jdaħħal data fil-kampijiet tal-elementi tad-data korrispondenti tal-eFTI CMDS, inkluż billi jimmodifikaw data rreġistrata qabel, għall-informazzjoni regolatorja kollha li għaliha dak l-utenti kummerċjali rispettivi jkollu drittijiet tal-ipproċessar, kif previst fl-Artikolu 5. 2. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tirreġistra d-data mdaħħla mill-utent kummerċjali fuq is-sistema tal-ħżin online tal-pjattaforma tal-eFTI, wara l-validazzjoni msemmija fil-punt 3 u mal-konferma tal-utent li hu/hi ma jridux jipproċessaw ulterjorment id-data. 3. Qabel ir-reġistrazzjoni tad-data, il-pjattaforma tal-eFTI għandha twettaq verifiki tal-validazzjoni fuq id-data sottomessa mill-utent kummerċjali, billi: (a) tivverifika jekk ġietx ipprovduta data għall-elementi kollha tad-data li għalihom l-istatus legali huwa identifikat bħala obbligatorju jew kundizzjonali għas-sottosettijiet tal-eFTI li abbażi tagħhom ġie stabbilit l-eFTI CMDS, f'konformità mad-deskrizzjoni tas-sottosettijiet tad-data tal-eFTI fit-Taqsimiet 3 u 4 tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2024/2024;

	Operazzjoni	Azzjoni tal-utent kummerċjali	Azzjoni tal-pjattaforma tal-eFTI
			(b) tivverifika jekk il-valuri pprovduti għal kull element tad-data jikkorrispondux għall-karatteristiċi tekniċi (eż. it-tip ta' data, il-format, il-lista tal-kodiċijiet) stabbiliti għal dawk l-elementi tad-data fl-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2024/2024; (c) tinforma lill-utent kummerċjali, permezz ta' messaġġi xierqa, bir-riżultati tal-proċess ta' validazzjoni. 4. Meta l-element(i) tad-data editjata/i jikkorrispondi/u għal data li tikkostitwixxi identifikatur(i) f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1942, u l-istatus tal-eFTI CMDS ikun "attiv", il-pjattaforma tal-eFTI għandha taġġorna l-valur(i) tal-identifikatur(i) korrispondenti ta' dak l-eFTI CMDS stabbilit fir-reġistru tal-identifikaturi tal-Gate tal-eFTI fejn dawk l-identifikaturi kienu uploaded inizjalment.
(c)	**Aqra d-data tal-eFTI CMDS**	Itlob aċċess għad-data mdaħħla fl-eFTI CMDS.	Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tippermetti, b'mod awtomatiku, aċċess għall-qari biss għall-elementi tad-data kollha ta' eFTI CMDS li għalihom l-utent kummerċjali għandu drittijiet tal-ipproċessar.
(d)	**Niżżel kopja tad-data tal-eFTI CMDS**	Itlob kopja tad-data tal-eFTI CMDS.	Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tiġġenera u tagħmel disponibbli għat-tniżżil mill-utent kummerċjali kopja tad-data tal-eFTI CMDS, f'formati li jinqraw kemm mill-bniedem kif ukoll mill-magni.
(e)	**Firma tal-konsenjatur**	Aqra jew editja u mbagħad iffirma d-data tal-eFTI CMDS.	1. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tippermetti lill-utent kummerċjali jaqra u, skont id-drittijiet tal-ipproċessar tal-utent, iwettaq operazzjonijiet oħra tal-ipproċessar fuq l-eFTI CMDS. 2. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tippermetti lill-utent kummerċjali jiffirma b'mod elettroniku, mal-konferma tal-utent li: (a) qara/qrat id-data kollha tal-eFTI CMDS li għaliha għandu/għandha d-drittijiet tal-ipporċessar, u (b) ma jridx/ma tridx jipproċessa/tipproċessa d-data ulterjorment. 3. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tirreġistra l-metadata li tippermetti l-verifika ta' jekk l-utent kummerċjali ffirmax bl-użu ta' mezzi li jikkonformaw, bħala minimu, mar-rekwiżiti għall-firma elettronika avvanzata jew għas-siġill avvanzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014, u tassenja l-valur "1" għall-element tad-data eFTI65.
(f)	**Firma tat-trasportatur**	Aqra jew editja u mbagħad iffirma d-data tal-eFTI CMDS.	1. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tippermetti lill-utent kummerċjali jaqra u, skont id-drittijiet tal-ipproċessar tal-utent, iwettaq operazzjonijiet oħra tal-ipproċessar fuq l-eFTI CMDS. 2. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tippermetti lill-utent kummerċjali jiffirma b'mod elettroniku, mal-konferma tal-utent li: (a) qara/qrat id-data kollha tal-eFTI CMDS li għaliha għandu/għandha d-drittijiet tal-ipporċessar, u (b) ma jridx/ma tridx jipproċessa/tipproċessa d-data ulterjorment.

	Operazzjoni	Azzjoni tal-utent kummerċjali	Azzjoni tal-pjattaforma tal-eFTI
			3. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tirreġistra l-metadata li tippermetti l-verifika ta' jekk l-utent kummerċjali ffirmax bl-użu ta' mezzi li jikkonformaw, bħala minimu, mar-rekwiżiti għall-firma elettronika avvanzata jew għas-siġill avvanzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014, u tassenja l-valur "1" għall-element tad-data eFTI115. 4. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tiġġenera l-UIL tal-eFTI CMDS, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet previsti fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1942, u ttella' l-UIL, flimkien mal-identifikaturi korrispondenti, fuq ir-reġistru tal-identifikaturi tal-Gate tal-eFTI li magħha tkun konnessa l-pjattaforma tal-eFTI, flimkien mal-identifikaturi korrispondenti, kif speċifikat fl-Artikolu 11(3) ta' dak ir-Regolament. 5. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tassenja l-istatus "attiv" lill-eFTI CMDS u tagħmlu disponibbli għall-aċċess u għall-ipproċessar mill-awtoritajiet kompetenti.
(g)	**Firma tal-konsenjatarju**	Aqra jew editja u mbagħad iffirma d-data tal-eFTI CMDS.	1. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tippermetti lill-utent kummerċjali jaqra u, skont id-drittijiet tal-ipproċessar tal-utent, iwettaq operazzjonijiet oħra tal-ipproċessar fuq l-eFTI CMDS. 2. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tippermetti lill-utent kummerċjali jiffirma b'mod elettroniku, mal-konferma tal-utent li: (a) qara/qrat id-data kollha tal-eFTI CMDS li għaliha għandu/għandha d-drittijiet tal-ipporċessar, u (b) ma jridx/ma tridx jipproċessa/tipproċessa d-data ulterjorment. 3. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tirreġistra l-metadata li tippermetti l-verifika ta' jekk l-utent kummerċjali ffirmax bl-użu ta' mezzi li jikkonformaw, bħala minimu, mar-rekwiżiti għall-firma elettronika avvanzata jew għas-siġill avvanzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014, u tassenja l-valur "1" għall-element tad-data eFTI84. Meta l-konsenjatarju jkun faċilità għat-trattament tal-iskart kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2024/1157, il-pjattaforma tal-eFTI tista', alternattivament, tirreġistra d-data relatata mal-firma tal-konsenjatarju riċevuta mid-DIWASS, permezz tal-interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12(5), il-punt (c). 4. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha taġġorna fuq ir-reġistru tal-identifikaturi tal-Gate tal-eFTI l-identifikatur li jikkorrispondi għall-element tad-data eFTI188. 5. Il-pjattaformi tal-eFTI għandhom jassenjaw l-istatus "lesti għall-arkivjar" lill-eFTI CMDS, sakemm l-element tad-data eFTI581 tal-eFTI CMDS ma jkollux il-valur "3", li jikkorrispondi għal "trasport bit-triq".

	Operazzjoni	Azzjoni tal-utent kummerċjali	Azzjoni tal-pjattaforma tal-eFTI
			6. Meta l-element tad-data eFTI581 tal-eFTI CMDS ikollu l-valur "3", li jikkorrispondi għal "trasport bit-triq", il-pjattaforma tal-eFTI għandha tassenja lill-eFTI CMDS l-istatus "inattiv", għall-kumulazzjoni tal-perjodi ta' żmien imsemmija fl-Artikoli 8(2) u 8(2a) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u, fl-iskadenza ta' dak il-perjodu akkumulat, l-istatus "lest għall-arkivjar".
(h)	**It-"timbru" tat-trasport ikkombinat mill-awtorità fil-port tal-baħar, fil-port tal-passaġġi fuq l-ilma interni, jew fl-istazzjon ferrovjarju**	Ikkonferma d-dettalji tat-trasport ikkombinat.	1. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tippermetti lill-utent kummerċjali jaqra u, skont id-drittijiet tal-ipproċessar tal-utent, iwettaq operazzjonijiet oħra tal-ipproċessar fuq l-eFTI CMDS. 2. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tippermetti lill-utent kummerċjali jiffirma jew jittimbra b'mod elettroniku, mal-konferma tal-utent li: (a) qara/qrat id-data kollha tal-eFTI CMDS li għaliha għandu/għandha d-drittijiet tal-ipporċessar, u (b) ma jridx/ma tridx jipproċessa/tipproċessa d-data ulterjorment. 3. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tirreġistra l-metadata li tippermetti l-verifika ta' jekk l-utent kummerċjali ffirmax jew ittimbrax bl-użu ta' mezzi li jikkonformaw, bħala minimu, mar-rekwiżiti għall-firma elettronika avvanzata jew għas-siġill avvanzat jew, rispettivament, timbru tal-ħin elettroniku kwalifikat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014, u tassenja l-valur "1" għall-element tad-data eFTI608.
(i)	**Arkivja l-eFTI CMDS**	Itlob l-arkivjar tal-eFTI CMDS.	1. Mal-konferma mill-utent kummerċjali, il-pjattaforma tal-eFTI għandha tassenja l-istatus "arkivjat" lill-eFTI CMDS. 2. Fin-nuqqas ta' talba speċifika mill-utent kummerċjali, il-pjattaforma tal-eFTI tista' tassenja l-istatus "arkivjat" lil eFTI CMDS li jkollu l-istatus "lest għall-arkivjar", dment li l-utenti kummerċjali li għandhom awtorizzazzjonijiet korrispondenti bir-rigward ta' dak l-eFTI CMDS jkunu infurmati kif xieraq dwar tali azzjoni.
(j)	**Niżżel il-kopja tad-dokumenti ta' vjeġġi ta' skart**	Itlob kopja tad-dokumenti ta' vjeġġi ta' skart.	1. Abbaži tan-numru tad-dokument ipprovdut mill-utent kummerċjali, il-pjattaforma eFTI għandha titlob u tikseb mingħand id-DIWASS kopja tad-dokument/i identifikat/i b'dak/dawk in-numru/i. 2. Il-pjattaforma eFTI għandha tippermetti lill-utent kummerċjali jaqra u jniżżel l-informazzjoni fid-dokumenti ta' vjeġġi ta' skart f'format li jinqara mill-bniedem li ma jistax jiġi editjat.
(k)	**Ippreżenta jew editja l-konferma tat-trasferiment tat-trasportatur ta' vjeġġi ta' skart**	Aqra jew editja u mbagħad iffirma d-data tal-eFTI CMDS. Awtentika d-dokumenti tal-vjeġġ ta' skart.	1. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tippermetti lill-utent kummerċjali jaqra u, skont id-drittijiet tal-ipproċessar tal-utent, iwettaq operazzjonijiet oħra tal-ipproċessar fuq l-eFTI CMDS.

	Operazzjoni	Azzjoni tal-utent kummerċjali	Azzjoni tal-pjattaforma tal-eFTI
			2. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tippermetti lill-utent kummerċjali jiffirma b'mod elettroniku, mal-konferma tal-utent li: (a) qara/qrat id-data kollha tal-eFTI CMDS li għaliha għandu/għandha d-drittijiet tal-ipporċessar, (b) ma jridx/ma tridx jipproċessa/tipproċessa d-data ulterjorment, u (c) qara/qrat il-kopja tad-dokumenti tal-vjeġġ ta' skart u jrid/trid jipproċedi/tipproċedi bl-awtentikazzjoni ta' dawk id-dokumenti. 3. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tirreġistra l-metadata li tippermetti l-verifika ta' jekk l-utent kummerċjali ffirmax bl-użu ta' mezzi li jikkonformaw, bħala minimu, mar-rekwiżiti għall-firma elettronika avvanzata jew għas-siġill avvanzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014, u tassenja l-valur "1" għall-element tad-data eFTI115. 4. Il-pjattaforma tal-eFTI għandha tirreġistra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1290, u ttella' fuq id-DIWASS id-data ta' konferma tat-trasportatur li tikkorrispondi għall-ispeċifikazzjonijiet previsti fl-Anness II, Parti B, il-punti 3 u 4 u Parti C, il-punti 3 u 4 ta' dak ir-Regolament, kif applikabbli.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1072/oj).